**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta, 14 ta' Ġunju, 2016**

**Kawża Numru 2 (Kost.)**

**Rik. Nru. 43/16JRM**

Mario **BORĠ**

vs

**L-AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment għall-finijiet tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, wara talba li r-rikorrent ressaq b'rikors tiegħu tas-6 ta' Mejju, 2016[1], li fih u għar-raġunijiet minnu hemm imsemmija, huwa talab li din il-Qorti tordna li,

[1] Paġġ. 7 – 8 tal-proċess

sakemm iddum tinstema' din il-kawża li huwa fetaħ dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq, huwa jinħeles mill-ħabs fejn qiegħed iservi sentenza li ngħatat mill-Qorti Kriminali u li kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi l-intimat wieġeb għal din it-talba fl-10 ta' Mejju, 2016[2], permezz ta' tweġba li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, oġġezzjona għat-talba tar-rikorrent;

Illi l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tar-rikors waqt is-smigħ tal-25 ta' Mejju, 2016, u ħalliet ir-rikors għal-lum għall-provvediment dwar it-talba tar-rikorrent għall-għoti ta' miżura provviżorja;

***Ikkunsidrat:***

Illi din tar-rikorrent hija talba biex din il-Qorti tagħti provvediment provviżorju sakemm tkun qiegħda tinstema' din il-kawża li huwa fetaħ fis-6 ta' Mejju, 2016, biex jilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq fi proċeduri meħuda kontrih f'Ġuri quddiem il-Qorti Kriminali u li fihom kien instab ħati b'sentenza tas-16 ta' Jannar, 2008, u liema sentenza kienet konfermata b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Mejju, 2011, mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3];

Illi bis-saħħa tal-imsemmija sentenzi, ir-rikorrent qiegħed jiskonta żmien ta' priġunerija;

Illi wara li ntemmu dawk il-proċeduri, ir-rikorrent fetaħ kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq[4] minħabba "li n-nuqqas ta' liġi pożittiva da parti tal-Istat li tippermetti assistenza legali waqt il-ħin tal-arrest twassal għal restrizzjoni sistematika" ta' dak il-jedd fundamentali kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. F'dawk il-proċeduri, fost l-oħrajn, kien talab it-tħassir tas-sentenzi mogħtijin kontrih mill-Qrati ta' kompetenza kriminali. It-talbiet tiegħu ma ntlaqgħux, kemm minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u kif ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali;

2 Paġġ. 10 – 4 tal-proċess
3 Dok "AG1", f'paġġ. 24 sa 43 tal-proċess
4 Rik. Kost 57/11AE (maqtugħa fl-4.6.2012 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25.1.2013) Dok "AG2", f'paġġ. 44 sa 55 tal-proċess

Illi wara li r-rikorrent eżawrixxa l-proċeduri quddiem il-Qrati Maltin, f'Mejju tal-2013 huwa ressaq talba quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[5] biex jilmenta dwar il-ksur minnu mġarrab taħt l-artikoli 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni;

Illi b'sentenza mogħtija fit-12 ta' Jannar, 2016[6], dik il-Qorti sabet li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq safejn iċ-ċaħda sistematika li kienet teżisti fl-ordinament legali Malti li persuna arrestata jew miżmuma mill-Pulizija ma kenitx tingħata l-jedd li titlob l-għajnuna ta' avukat kienet ċaħda li tissarraf fi ksur tal-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-artikolu 6(1)[7]. Iżda ma laqgħetx l-ilmenti tar-rikorrent fuq il-kapijiet l-oħrajn li fuqhom sejjes il-każ tiegħu[8] jew saħansitra ma dehrilhiex li kellha tistħarriġhom[9]. Dik is-sentenza saret ġudikat fit-12 ta' April 2016;

Illi fir-rikors tiegħu jidher li r-rikorrent qiegħed jitlob l-iskarċerazzjoni tiegħu mill-ħabs fuq il-bażi tas-sejbien tal-ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn dik il-Qorti fi Strasbourg;

Illi l-intimat jisħaq li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' u li ma hemmx iċ-ċirkostanzi li fihom din il-Qorti għandha tagħti l-ordni provviżorju għall-ħelsien tar-rikorrent u dan għaliex itenni li mkien fis-sentenza mogħtija mill-Qorti fi Strasbourg ma kien ordnat jew suġġerit li r-rikorrent kellu jinħeles mill-ħabs (tant li dik il-Qorti dehrilha li r-rimedju li kien jixraqlu kien l-għoti ta' kumpens morali f'somma flus) u, fit-tieni lok, għaliex iż-żamma tar-rikorrent fil-ħabs hija r-riżultat ta' sentenzi mogħtijin mill-Qrati Maltin ta' kompetenza kriminali li llum jikkostitwixxu ġudikat u għaliex, fit-tielet lok, fl-ebda parti mill-ilmenti tiegħu quddiem il-Qorti fi Strasbourg ma r-rikorrent qanqal xi lment dwar is-siwi tal-imsemmija sentenzi;

Illi bħalma ngħad drabi oħrajn f'ċirkostanzi bħal din tallum[10], is-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;

---

[5] Applik. 37537/13
[6] Dok "AG3", f'paġġ. 56 sa 99 tal-proċess
[7] Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Malta*** (Applik. Nru. 37537/13) §§ 62 – 3
[8] *Ibid.* §§ 91, 113, 126 u 131
[9] *Ibid.* § 72
[10] P.A. (Kost.) MCH **30.5.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs L-Avukat Ġenerali*** (provvediment dwar l-għoti ta' rimedju provviżorju f'ċirkostanzi li jixbhu l-każ tallum)

Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwestjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[11];

Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[12]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu[13]. Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ[14];

Illi huwa stabbilit ukoll li biex jinħalqu ċ-ċirkostanzi ħalli jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm ħsara imminenti li titlob it-teħid ta' provvediment bħal dak[15];

Illi għalkemm huwa minnu, kif jallega l-intimat, li l-għoti tal-provvediment provviżorju quddiem il-Qorti ta' Strasburgu taħt ir-regolament 39 tar-Regoli tal-Proċedura ta' dik il-Qorti jkun bosta drabi marbut ma' ksur ta' jedd taħt l-artikolu 2 jew l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni[16], ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tillimita l-għoti ta' provvediment bħal dak biss għall-imsemmija żewġ artikoli. Kemm hu hekk, kien hemm każijiet fejn l-għoti ta' provvediment ingħata wkoll waqt proċeduri li kienu jirrigwardaw ukoll ilment ta' ksur tal-artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni[17];

Illi r-rimedju li r-rikorrent qiegħed jitlob f'dan il-każ mhuwiex it-twaqqif tas-smigħ tal-kawża, iżda l-ħelsien tiegħu miż-żamma f'detenzjoni tal-piena li qiegħed jiskonta bis-saħħa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li, min-naħa tagħha, ikkonfermat sentenza tal-Qorti Kriminali wara l-ġuri li għadda;

[11] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM **5.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et***
[12] Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mamatkulov et vs Turkija*** (Applik. Nru. 46837/99) § 110
[13] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113
[14] Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***
[15] Kost. **25.9.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***
[16] Ara K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § I.021, p. 20
[17] Ara Ordni *Interim* Q.E.D.B. **30.11.1999** fil-kawża ***Ocalan vs Turkija*** (Applik. 46221/99)

Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "*pro veritate habetur*". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd;

Illi l-għaref difensur tar-rikorrent seħaq li l-effetti tas-sentenza tal-Qorti fi Strasbourg għall-klijent tiegħu jissarrfu f'deċiżjoni li ġġib f'dubju s-siwi tas-sentenzi mogħtijin kontrih kemm mill-Qorti Kriminali u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ma' dan l-argument, din il-Qorti ma tistax taqbel u, mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kwestjoni, tgħid li kieku kien minnu li dak kien l-effett tas-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti, ir-rikorrent seta' u għadu jista' jinqeda bir-rimedju mogħti mill-artikolu 6 tal-Kapitolu 319[18] tal-Liġijiet ta' Malta (ladarba issa dik is-sentenza wkoll saret ġudikat) biex jitlob l-eżekuzzjoni tagħha f'Malta, u mhux jitlob ir-rimedju provviżorju li talab f'dan ir-rikors;

Illi terġa' u tgħid, waħda mit-talbiet ewlenin tar-rikorrent fil-każ tal-lum (l-ewwel waħda fir-rikors promotur) hija li din il-Qorti tordna li r-rikorrent jinħeles mill-ħabs. Bit-talba li qiegħed jagħmel f'dan ir-rikors għall-għoti ta' rimedju provviżorju, il-Qorti qiegħda effettivament tintalab tiddeċiedi l-mertu tal-imsemmija talba qabel ma l-każ għadu ġie trattat quddiemha;

Illi, fit-tielet lok, it-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors promotur hija li huwa ġarrab ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ladarba f'Malta ma jingħatax ir-rimedju tar-ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qrati ta' kompetenza kriminali;

Illi hawn ukoll il-Qorti għadha ma kellhiex il-benefiċċju tat-trattazzjoni tal-kwestjoni fil-mertu mill-partijiet dwar dan l-ilment. Imma sewwasew dak l-ilment inissel raġunament ieħor ta' sura proċedurali: jiġifieri, li huwa prinċipju stabilit li, wkoll kieku jeżisti r-rimedju tar-ritrattazzjoni (fil-qasam kriminali) fis-sistema proċedurali f'Malta, il-fatt li persuna titlob ir-ritrattazzjoni ma jwaqqafx b'daqshekk biss l-eżekuzzjoni tas-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u t-trattazzjoni mill-ġdid tal-kawża li fiha tkun ingħatat;

[18] Proċedura li titmexxa quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u mhux quddiem din il-Qorti

Illi r-rikorrent ma ta lil din il-Qorti l-ebda raġuni oħra minn dawk imsemmija hawn fuq għalfejn il-miżura minnu mitluba għandha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawża. U l-Qorti ma qiegħda tara l-ebda ċirkostanza li toħroġ mill-atti tal-kawża li twassalha biex tagħti dak ir-rimedju f'dan l-istadju bikri tagħha;

Illi għaldaqstant, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent għall-ordni tal-iskarċerazzjoni tiegħu minħabba li ma jeżistux il-kundizzjonijiet li jwasslu għal dan.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**14 ta' Ġunju, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Ġunju, 2016**